

# Is-Surmast Willie Attard

## *Surmast tal-Banda Marija Assunta*

*Kitba ta'*
**Dr. Danielle Grima**

L-arti u l-mużika kienu ż-żewġ elementi li għamlu lil William Attard dak li qegħdin nirrakkontaw u nammiraw illum. Min bħali għadu pjuttost żgħir ma jistax jgħid li jiftakar lil William Attard però, min huwa midħla tal-festi jew tal-knejjes, żgur illi xi darba jew oħra semgħa dan l-isem.

William Attard twieled nhar il-11 ta' Novembru 1918 ġewwa r-Rabat Malta. Huwa kien ir-raba' wild għal Ġużeppi u Ġużeppa Attard li kellhom b'kollox żewġ subien u tlett ibniet.

Fl-età ta' 35 seña William Attard ingħaqad fiż-żwieġ ma' Vincenza Giordmaina. Dan seħħ nhar it-8 ta' Frar 1953 permezz ta' ċelebrazzjoni kattolika ġewwa l-Katidral ta' l-Imdina. Minn dan iż-żwieġ twieldu tlett itfal, bl-ewwel wild imut ftit wara t-twelid.

Martu Ċensina tirrakonta illi t-talent artistiku u dak mużikali spikkaw fih. Fil-fatt, illum il-ġurnata, il-familjari kburin b'sett ta' 4 pitturi li juru 4 kompożituri famużi. Dawn saru meta Attard kellu biss sbatax-il sena. Il-pitturi, li jirrappreżentaw lil Verdi, Beethoven, Mozart u Wagner ġew impinġija bil-lapes. Ir-reqqa li ġew impinġijin biha hija tant li toħroġ espressjoni wisq ħajja ta' dawn il-kompożituri.

Minbarra t-tpinġija fuq il-karti jew it-tila, Attard kien ukoll ipinġi fuq materjal ieħor. Fil-fatt Attard ġieli pinġa fuq il-ħitan tad-djar. Din kienet użanza ta' żmien ilu fejn in-nies kienu jikkommissjonawh sabiex jiddekoralhom id-djar privati tagħhom. Din kienet tkun biċċa xogħol kbira fejn Attard kien joħloq id-disinn fuq il-ħitan u s-soqfa u wara kien ipenġihom bil-kulur kif ukoll jindura partijiet minnhom bid-deheb.

L-artistrija t'Attard kienet toħroġ ukoll fix-xogħol ta' restawr. Mhux darba jew tnejn irrestawra xi pittura jew xi oġġetti tal-kina.

Minkejja li kien pittur, Attard baqa' magħruf ferm iżjed għall-induratura u għall-mużika. Tul is-snin ta' ħidma tiegħu Attard kellu l-okkażjoni li jaħdem f'diversi knejjes madwar Malta u Għawdex, tant illi llum għad għandna l-opportunità li nammiraw xogħolu. L-aktar li ħadem bħala indurater kien fil-knejjes Għawdxin. Huwa beda dan ix-xogħol ġewwa l-gżira Għawdxija fl-1953. F'dak iż-żmien huwa ta bidu għall-akbar opra tiegħu li tinsab ġewwa l-Bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex. Hawnhekk Attard kien indura l-bażilika kollha u kif ukoll għamel diversi xogħlijiet oħra fuq kummissjoni tal-partitarji u għaqdiet ta' San Ġorġ. Meta tlesta dan ix-xogħol hu ġie kkummissjonat sabiex jagħmel diversi xogħlijiet oħra fi knejjes Għawdxin. Fost dawn wieħed ta' min isemmi l-knejjes tal-Qala, tan-Nadur, ta' Sannat, ta' l-Għarb, ta' San Ġakbu, tal-Munxar u kif ukoll il-Katidral t'Għawdex. F'dawn il-knejjes, għalkemm l-induratura tagħhom mhux dejjem saret kollha mill-istess Attard, wieħed jista' jgħid illi Attard kien għamel ħafna biċċiet ta' nduratura bħal per eżempju sett ta' kwadri kbar li jinsabu ġewwa l-Katidral t'Għawdex. Fost dawn ix-xogħlijiet huwa wkoll ġieli ndura xi kwadri, gandlieri kif ukoll is-soqfa ta' l-istess knejjes.

Dan ix-xogħol kien ferm impenjattiv u kien jitlob sagrifiċċji kbar. Fil-fatt sabiex kien ikun jista' jagħmel dawn ix-xogħlijiet, li kienu jieħdu ħafna ħin u dedikazzjoni, huwa kien jagħmel żmien twil jgħix ġewwa Għawdex u ġieli anki mar joqgħod hemm bil-familja. Mill-banda l-oħra meta dan ma kienx ikun possibli Attard kien jaqsam ta' spiss bejn Malta u Għawdex kemm fil-bnazzi kif ukoll fil-maltemp.

Dan ix-xogħol fl-induratura kien ukoll jesponi lill-istess Attard għal ċertu periklu. Peress illi l-parti l-kbira tax-xogħol kien ikun mas-soqfa tal-knejjes huwa jaħdem fuq slielem kif ukoll fuq scaffolding. Darba waħda ġara, illi waqt li kien qed jagħmel xi xogħol ġewwa l-knisja tal-Qala, b'aċċident inġibed tapit minn taħt l-armar li fuqu kien qed jaħdem Attard b'konsegwenza illi dan waqa' għoli ta' sular. Fortunatament però Attard ma' ġralu xejn u x-xogħol seta' jitkompla.

Ix-xogħol ta' l-induratura ta' Attard jista' jiġi ammirat anki ġewwa xi Knejjes Maltin. Fost dawn wieħed isib xi xogħol ġewwa l-Knejjes tal-Mellieħa, dik tal-Qrendi kif ukoll ġewwa dik ta' Ħaż-Żebbuġ. Hawnhekk Attard indura xi gandlieri kif ukoll is-soqfa ta' l-istess Knejjes.

Attard kien ukoll jiddelitta jagħmel dekorazzjonijiet tad-deheb fuq il-karrijiet tal-mejtin. fiż-żmien meta kien isir dan, l-użanza kienet illi l-kaxxa tal-mejjet titpoġġa fuq karru miġbud minn erbat iżwiemel. Dan il-kaxxi kienu jiġu skolpiti u dekorati bil-kulur. Fl-aħħar, xogħol Attard

kien ikun illi jindura partijiet mill-iskultura bid-deheb.

Ma jistax jonqos illi meta tissemma' l-induratura t'Attard jissemma wkoll ix-xogħol li sar minnu fuq oġġetti simboliċi li jintużaw fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Fost dawn hemm l-arka li tintuża fil-purċissjoni tar-Rabar u l-Monument li jintuża fil-purċissjoni ta' Ħal Luqa.

Xogħlijiet oħra fl-induratura saru wkoll fuq kummissjoni privata. Diversi drabi Attard ġie mqabbad jindura xi biċċiet ta' l-għamara, bħal ngħidu aħna settijiet sħaħ ta' salotti, jew xi statwa bħal dik ta' San Ġużepp, li tinsab ġewwa l-Kappella tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat. Attard kien ġie mqabbad ukoll jagħmel xi kwadri għall-Arċisqof Gonzi, liema kwadri kienu fiż-żmien tpoġġew ġewwa l-bini tal-Kurja. Huwa kien ukoll għamel xi xogħlijiet għal xi saċerdoti, liema xogħlijiet ittieħdu ġewwa l-Vatikan f'Ruma. Iktar minn hekk, Attard kien ukoll għamel xogħol għal xi Ingliż stazzjonati Malta fiż-żmien li kienet kolonja Ingliża. Fost dawn nistgħu nsemmu xogħol magħmul fuq kummissjoni ta' ċertu Sir Templeton Cottle u, dak magħmul għal Lord Louis Mountbatten, it-tnejn Ammiralli tal-Flotta Ingliża. Fil-fatt huwa mifhum illi x-xogħol li sar fuq inkariġu ta' Lord Mountbatten, li kien iz-ziju tal-Prinċep Filippu ta' Edinburgh, ittieħed ġewwa Buckingham Palace fl-Ingilterra.

Dan ix-xogħol fl-induratura Attard kien jagħmlu bit-teknika tal-murdent u dik ta' l-imbornir. L-istess tekniċi kien jużahom ukoll meta kien jagħmel l-arloġġi tal-lira, li wieħed minnhom jinsab ġewwa l-Każin tal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat. Minkejja li ma kienx jaħdem il-qafas ta' l-injam hu, il-bqija tax-xogħol u cioè mill-ġibs sa l-induratura u l-pittura tal-kwadrant kienet issir kollha mill-istess Attard.

It-talent l-ieħor t'Attard kien fil-mużika, Attard żviluppa dan it-talent bħala aljiev tal-magħruf Mro. Giuseppe Stivala. Huwa tgħallem idoqq diversi strumenti fosthom il-flawt, il-pjanu, il-kurunetta u l-oboe fost l-oħrajn. Madankollu, l-forte tiegħu kien id-daqq tal-klarinett sopran.



Is-Surmast Willie Attard
Surmast tal-Banda Marija Assunta

Attard beda l-karriera mużikali tiegħu bħala suldat bandist u wara bħala surmast mal-Banda ta' l-armata Ingliza. Dan kien matul iż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija fejn fl-istess żmien huwa kien ukoll suldat ma' l-istess armata. Meta spiċċa dan iż-żmien Attard sar magħruf ħafna bħala bandist għaliex kien jitqabbad idoqq minn diversi baned popolari ġewwa l-gżejjer Maltin u Għawdxin. Minħabba l-fatt illi huwa kien mir-Rabat kif ukoll minħabba l-imħabba li kellu lejn il-Patrijarka San Ġużepp u l-affiljazzjoni tiegħu mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, huwa kien prinċipalment idoqq ma' din il-Banda. Fl-istess żmien meta kien bandist huwa kien ukoll jgħallem l-aljievi fi ħdan din il-Banda.

It-talent mużikali li kellu Attard wasslitu saħansitra sabiex diversi drabi daqq bħala solista siltiet mużikali matul il-kunċert imtella' mill-banda L'Isle Adam tar-Rabat fl-okkażjoni ta' l-Imnarja. Attard ġieli wkoll idderieġa l-Banda hu stess. Dan għamlu diversi darbi mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat li tagħha huwa kien ukoll assistent surmast, kif ukoll mal-banda tal-Qrendi. Maż-żmien, bejn is-sena 1946 u s-sena 1947 huwa kien is-surmast tal-banda Marija Assunta tal-Gudja, li dak iż-żmien kienet iġġib l-isem *Our Lady of Consolation Band.* Għal din il-banda huwa kkompona l-innu tal-banda li għadu sal-lum jagħlaq b'entużjażmu kull programm li tesegwixxi l-banda Marija Assunta.

Attard ħalla diversi kompozizzjonijiet mużikali. Prinċipalment huwa baqa' magħruf għall-marċi brijużi bħal per eżempju **Bobadilla**, **Chincilla**, **Tokyo**, **Moscow**, **Berlin**, **Viviana**, **Madrid** u **Preziosa** fost oħrajn. Huwa kiteb ukoll xi marċi funebri bħal **Consummatum Est** kif ukoll kif ukoll l-innu ta' San Ġużepp tal-Qala li ndaqq fl-Inkurunazzjoni ta' l-istess qaddis.

Fl-età ta' ħamsa u ħamsin sena Attard kellu jerfa' mix-xogħol sforz il-problemi ta' saħħa li ħakmuh u li wassluh sas-sodda tal-mewt fl-età ta' sebgħin sena. Huwa miet nhar it-8 ta' Ġunju 1989 u jinsab midfun fil-qabar tas-Soċjetà Filarmonika L'Isle Adam tar-Rabat.